# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 1217/2012 SM**

**Charles Kerr (ID 185740 M) bhala mandatarju specjali ta' David Kerr (ID 121472M) esercenti l-kummerc f'isem DK Trading**

**vs.**

**Robert De Leonardo (ID 0187953M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-6 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi r-rikorrenti *nomine* hu kreditur tal-intimat fl-ammont ta' tnax- il elf, mija disa' u tmenin euro u sitta u ghoxrin centezmu, (€12,189.26);

1.2. Illi l-ammont *de quo* jirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' merkanzija lill-intimat, u dan, skont il-fattura annessa mal-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 4 u 5);

1.3. Illi *nonostante* li interpellat, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.4. Illi d-dejn hu cert, likwidu, u dovut, u l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jipprezenta fir-rigward;

1.5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti *nomine* pproceda *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex:

1.6.1. Tiddeciedi din il-procedura bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq indikat;

1.6.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont ta' €12,189.26 kif fuq indikat;

1.6.3. Bl-ispejjez u l-imghax legali kif mitlub fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat in-nota tal-intimat datata s-26 ta' Frar, 2013, li permezz taghha ipprezenta r-ragunijiet ghaliex *ai termini* tal-artiklu 170 tal-Kap 12 fuq gia` riferit, kellu jinghata l-opportunita` jintavola risposta skont il-ligi, (ara foll 13);

3. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu, wara li ddikjarat li semghet lill-partijiet fir-rigward tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit, iddikjarat li hemm ragunijiet sufficjenti biex tikkoncedi l-opportunita` ta' risposta lill-intimat, u awtorizzat lill-istess jaghmel dan fit-terminu hemm indikat, (ara foll 17);

4.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata t-8 ta' Marzu, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segenwenti: (ara fol 20)

4.1. Illi r-rikorrenti *nomine* jrid jipprova li kien awtorizzat jidher f'isem David Kerr u li dan hu assenti minn Malta;

4.2. Illi m'hemmx relazzjoni guridika mal-mandatarju tal-attur *nomine* David Kerr *stante* li qatt ma inkariga jew awtorizza lil David Kerr biex ifornieh b'xi merkanzija li tammonta ghall-prezz kif allegat mir-rikorrenti *nomine*;

4.3. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.4. Illi li gara jista' jigi riassunt bil-mod segwenti:

4.4.1. Illi l-intimat kien jordna merkanzija minghand Sarah Chetcuti – mhux mir-rikorrenti *nomine*;

4.4.2. Illi ta' dan kien jeffettwa diversi pagamenti sostanzjali in akkont;

4.4.3. Illi ghalkemm dejjem talab li jinghata l-fatturi tal-merkanzija moghtija lilhu, izda qatt m'inghata rendikont taghha permezz ta' dawn il-fatturi;

4.5. Illi meta r-rikorrenti intavola l-procedura odjerna ma hax in konsiderazzjoni l-pagamenti li hu effettwa in akkont;

4.6. Illi r-rikorrenti naqas ukoll jinterpella lill-intimat permezz t'ittra ufficjali biex jersaq ghal xi tip ta' hlas;

4.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

5. Rat id-digriet taghha datat l-10 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 156 u 164), u kif sussegwentement estiza (ara foll 157, 158, 168, 169 u 170);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata d-9 ta' Marzu, 2016, (ara foll 159), flimkien ma dik tal-intimat datata t-23 ta' Settembru, 2016, (ara foll 171);

7. Rat in-nota tal-intimat datata t-23 ta' Settembru, 2016, li permezz taghha irtira l-ewwel eccezzjoni minnhu pprezentata, (ara foll 20);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat iz-19 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 183);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi sintetikament, il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina, jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi r-rikorrenti *nomine* talab li jigi kkanonizzat kreditur tal-intimat fl-ammont ta' €12,189.26;

11.2. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti *nomine* jirrapprezenta prezz ta' prodotti mixtrija mill-intimat in konnessjoni man-negozju li hu kellu, bl-isem ta' *Pets Paradise*;

11.3. Illi l-intimat jirrizulta li kien wiehed mill-ewwel klijenti li l-intrapriza bl-isem *DK Trading* immexxija minn David Kerr kellha, (ara foll 27 u 34);

11.4. Illi min-naha tieghu l-intimat isosstni s-segwenti, (ara foll 20):

11.4.1. Illi m'ghandux relazzjoni guridika mal-mandatarju David Kerr;

11.4.2. Illi *stante* li qatt m'inghata fatturi, it-talbiet tar-rikorrenti *nomine* huma infondati;

11.4.3. Illi *di piu`*, qatt m'inkariga lill-istess biex ifornieh bil-merkanzija;

Ikkunsidrat:

12. Illi preliminarjament jinghad li permezz ta’ nota datata l-23 ta’ Settembru, 2016, l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, (ara foll 180), u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi fir-rigward tar-risposta tal-intimat koncernanti l-eccezzjoni tieghu li m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-mandatarju tar-rikorrenti *nomine* jinghad is-segwenti:

13.1. Illi ssir referenza fir-rigward ghall-insenjament tal-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f’isimha proprju u ghan-nom ta’ EneMalta vs. Emanuel Grixti***, datata l-***10 ta’ Jannar, 2007***, li rriteniet is-segwenti:

> “B’relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta’ rapport bejn zewg partijiet in virtu` ta’ liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu”;

13.2. Illi ssir referenza ghall-prospett ipprezentat *in atti* mill-istess rikorrenti *nomine*, (ara foll 4), fejn jigi osservat li l-istess hu mahrug fil-konfront ta’ *“Pets Paradise”* minn *DK Trading*, (ara ukoll foll 34 u 36);

13.3. Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda guramentata tal-intimat li:

> “Jiena kont nuza hafna agenti biex infornuni, pero` l-aktar li kont nahdem xoghol kien mas-socjeta` DK Trading”, (ara foll 130);

13.4. Illi in vista tal-premess, ghalkemm l-istess intimat isosstni li kienet Sarah Chetcuti li kienet tohodlu l-ordni u ggiblu x-xoghol, (ara foll 130), jirrizulta li effettivament kien konsapevoli li din Sarah Chetcuti, oht David Kerr, (ara foll 34), kienet qed tagixxi ghan-nom tad-ditta DK Trading, (ara prospetti a foll 4 u 36 *et sequitur*), apparti li l-istess

intimat jammetti l-istess kif indikat fil-paragrafu precedenti;

13.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fid-dawl tas-suespost jezisti vinkolu bejn il-partijiet *stante* li jirrizulta palesi li l-intimat kien jaf sew ma min kien qieghed jinnegozja;

13.6. Illi konsegwentement, it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fil-mertu jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-intimat isosstni li ghamel diversi pagamenti konsistenti f'eluf ta' euro, (ara foll 20);

14.2. Illi l-pagamenti kien jaffettwhom in akkont;

14.3. Illi fl-atti jirrizulta li gewipprezentati zewg (2) prospetti, senjatament:

14.3.1. Dak datat is-16 ta' Mejju, 2011, li jkopri l-perjodu mill-24 ta' Gunju, 2009, sas-17 ta' Dicembru, 2010, (ara foll 4, 5 u 36);

14.3.2. Dak datat il-31 t'Awwissu, 2009, li jkopri l-perjodu mit-18 ta' Frar, 2009, sas-26 ta' Awwissu, 2009, (ara foll 136 u 137);

14.4. Illi sas-26 t'Awwissu, 2009, jirrizulta li l-bilanc li juru z-zewg prospetti hu dak ta' €11,961.61 (ara foll 4 u foll 137);

14.5. Illi konsegwentement jinghad li kwalunkwe differenzi li l-intimat jindika fin-nota tieghu datata s-27 ta' Frar, 2014, (ara foll 132), u fid-dokumenti maghha annessi li jirrigwardaw il-perjodu bejn Gunju u Awwissu 2009, (ara punti (i) sa (iv) a foll 132), huma sorvolati;

14.6. Illi rigward il-punt (v) fl-istess nota tal-intimat, (ara foll 133), jinghad li dan jallega li kien hallas is-somma t'elf

erba' mija u tlettax- il euro u hamsa u sebghin centezmu, (€1,413.75), liema ammont ma tnaqqasx mir-rikorrenti *nomine*;

14.7. Illi in effetti mill-fattura datata t-30 t'April, 2008, (ara foll 138), jirrizulta assodat li dan l-ammont hemm indikat u muri fil-paragrafi precedenti jidher li kien debitament imhallas lir-rikorrenti mill-intimat;

14.8. Illi b'referenza ghall-entratura datata s-6 ta' Gunju, 2008, jinghad li din turi bilanc ta' €1,562.62, (ara foll 140);

14.9. Illi jinghad li fl-istess foll 140 hemm ukoll indikat li l-intimat hallas is-somma ta' €5,228.67 fiz-zewg (2) dati hemm indikati, senjatament €128.67 fis-6 ta' Gunju, 2008, u €5,100.00 fit-12 ta' Gunju, 2008;

14.10. Illi fl-istess nota a foll 140 jirrizulta indikat bl-idejn li kien hemm kreditu ta' €3,663.08;

14.11. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li s-somma ta' €1,413.75 fuq indikata fil-fatt giet imnaqqsa;

14.12. Illi fir-rigward tal-paragrafi numri (vi) u (vii) tal-imsemmija nota tal-intimat datata s-27 ta' Frar, 2014, (ara foll 133) jinghad sintetikament is-segwenti:

14.12.1. Illi l-ammonti hemm indikati ta' €4,901.78 u €2,158.17 kienu gew imhallsa rispettivament fit-8 t'April, 2009 u fl-14 t'April, 2009, (ara foll 133);

14.12.2. Illi pero` l-intimat isosstni li l-imsemmija pagamenti ma jirrizultawx indikati bhala debitament saldati mill-intimat fil-fattura tar-rikorrenti a foll 136;

14.13. Illi *di piu`*, l-ammonti indikati fil-fattura a foll 145, datata s-7 ta' Frar, 2007, jirrizultaw imhallsa lill-kreditur mill-intimat;

14.14. Illi ghandu jinghad li *nonostante* l-allegazzjoni tal-intimat fir-rigward taz-zewg paragrafi precedenti, (numru erbatax punt tnax, (14.12.), u erbatax punt tlettax, (14.13.) aktar

qabel), li l-ammonti indikati gew minnu debitament imhallsa lir-rikorrenti, jigi sottolineat li l-istess figuri ma jirrizultawx indikati fil-prospett ipprezentat mir-rikorrenti u konsegwentement jinghad li dawn l-ammonti hawn indikati xorta wahda qed jintalab il-pagament taghhom mir-rikorrenti;

14.15. Illi jinghad ukoll li r-rikorrenti *nomine* mhux qed jikkontesta li l-pagamenti fir-rigward saru mill-intimat, izda isosstni li l-istess pagamenti kienu gia` ttiehdu in konsiderazzjoni meta ikkristallizza t-talba tieghu fl-atti ta' din il-procedura;

14.16. Illi l-intimat ma jirrizulta li pprova l-ebda pagamenti apparti dawk li jirreferi ghalihom fin-nota tieghu fuq riferita, (ara foll 132);

Ikkunsidrat:

15. Illi *nonostante* l-osservazzjoni tal-intimat li ma kienx interpellat ufficjalment permezz t'ittra ufficjali biex jersaq ghal xi tip ta' hlas, (ara foll 21), minn analizi tal-procediment in dizamina ma jistax jinghad li l-azzjoni odjerna kienet wahda ta' natura intempestiva;

16. Illi in effetti din l-azzjoni ma kienet tinhtieg ebda interpellazzjoni precedenti ghall-presentazzjoni taghha;

17. Illi f'dan ir-rigward jinghad ukoll li jirrizulta debitament assodat li l-intimat ikkontesta t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine* fil-mertu u konsegwentement, l-interpellazzjoni precedenti ghall-intavolar tal-proceduri in dizamina ma kienet ser tbiddel xejn;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat;

18.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*, u konsegwentment:

18.2.1. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont ta' tnax- il elf, mija disa' u tmenin euro u sitta u ghoxrin centezmu, (€12,189.26);

18.2.2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mis-16 ta' Mejju, 2011, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess intimat;

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**